# Aktar Siġar li nsibu f'San Pawl il-Baħar

**Kitba ta' Jos. F. Cachia**

Ilqajna bil-ferħ l-istedina li saritilna mill-Każin tal-Banda ta' San Pawl il-Baħar ħalli nkomplu niktbu dwar is-siġar tal-lokal. Dan għamilnieh, kif diġà għidna, ħalli b'hekk inqajmu aktar kuxjenza favur is-siġar f'post li aħna nemmu li diġà tilef ħafna u ħafna minnhom minħabba r-regħba ta' wħud, kif ukoll it-traskuraġni ta' oħrajn.

Is-siġar, minbarra l-frott bnin li jagħtuna jsebbħu t-toroq, il-pjazez, l-imsaġar, l-għelieqi u l-ġonna ta' San Pawl il-Baħar. Bil-weraq folti tagħhom jagħmlu d-dell kif ukoll inaqqsu s-sħana tas-sajf jaħraq fuq it-toroq tagħna. Billi l-friegħi u z-zkuk tagħhom ikissru l-mewġ tal-ħoss jgħinu billi jnaqqsu l-ħsejjes tat-traffiku sfiq li dejjem għaddej fit-toroq waqt li fil-friegħi tagħhom, l-għasafar ibejtu (fejn jingħataw ċans) u bl-għana tagħhom iferrħu l-qalb. Dan biex ma nsemmux li kull siġra tista' tissejjaħ mikrokosmu, għax taf toħloq ambjent sħiħ madwarha. Dan isir, dejjem jekk tkun siġra adattata għall-post fejn tiġi mħawla, għax f'San Pawl il-Baħar rajna ħafna għeltijiet minn dan il-lat.

Se nitkellmu l-aktar dwar is-siġar li naraw jikbru matul xi toroq ta' San Pawl il-Baħar, u jaqbel li nibdew mill-ewwel siġra li wieħed isib hekk kif ikun dieħel fl-inħawi ta' San Pawl min-naħa tas-Salina. Mhix xi siġra li wieħed jiftaħar biha, għax barra li mhix indiġena l-anqas tant tagħmel ġid, ħlief għas-sbuħija tagħha u għad-dell li toffri. Din hi s-siġra ta' l-Ewkaliptus, siġra li ġejja mill-Awstralja. Siġra li sabet l-ambjent Malti tajjeb ħafna għaliha imma llum nafu li tixrob ħafna ilma mill-art, titfa' sustanzi tossiċi fil-ħamrija u b'hekk mhix tajba għall-ambjent Malti. Iktar siġar ta' l-ewkaliptus jinsabu mat-*traffic island* ħdejn il-*lights* li jieħdu lejn Triq il-Pijunieri, qrib il-*Housing Estate* ta' l-Erba' Imwieżeb u f'naħat oħrajn.

Bil-maqlub ta' l-Ewkaliptus, it-tieni siġra li tidher max-xellug ta' l-istess triq hija ferm aktar ta' ġid għall-ambjent Malti. Din hija s-siġra tal-ballut, siġra li bħalha kien hawn ħafna u ħafna fil-gżejjer Maltin, tant li nsibu inħawi li jġibu isem din is-siġra, bħal ngħidu aħna l-Balluta ta' San Ġiljan. Iżda llum ftit li xejn fadal minnhom jikbru fis-selvaġġ, ħlief għal dawk tal-Wardija, li dwarhom għidna xi ħaġa s-sena l-oħra u ftit oħrajn fil-Wied ta' l-Imġiebaħ, qrib il-Mellieħa. Ħasra li din is-siġra qiegħda waħedha, u m'għandna ebda ħjiel kif kibret hemm. Ma naħsbux li kienet tkun ħaġa ħażina li kieku kellhom jitħawlu oħrajn bħalha.

Fuq in-naħa l-oħra, fuq il-lemin, wieħed isib il-kanali tas-Salini u l-Masġar Kennedy, fejn l-iktar li jispikkaw huma s-siġar taż-żnuber u dawk taż-żebbuġ. Is-siġar taż-żnuber, jew kif inhu aktar magħruf, tal-"Prinjol", jinsabu f'għadd kbir kemm matul din it-triq kif ukoll f'inħawi oħrajn bħall-Wardija u l-Masġar tal-miżieb biex insemmi biss żewġ postijiet. Ngħidulhom taż-żnuber, għaliex iż-żerriegħa tagħhom hi iżgħar u differenti sew minn dik tal-prinjol, li tittiekel mill-bniedem u tintuża fix-xogħol tad-dolċerija waqt li taż-żnuber ma hix tajba għalhekk. Nafu li f'inħawi oħrajn ta' San Pawl il-Baħar tħawlu prinjoli,



imma min ħawwilhom talabna sabiex ma nsemmux fejn, għal raġunijiet ovvji. Iż-żnuber, bil-weraq irqaq tagħhom, donnhom labar twal, jifilħu sew għas-sħana u l-irjieħ jaħarqu tas-sajf Malti. Ir-raża li toħroġ minnhom tagħti fwieħa li ditti kummerċjali tas-sapun u prodotti oħrajn kożmetiċi ilhom jużawha bil-bosta, biex ifewħu l-istess prodotti tagħhom.

Iż-żebbuġ li hemm fil-Masġar Kennedy u fil-wilġa li hemm quddiemu, ġew imħawla fis-snin sittin bħala sehem minn mafkar għal John F. Kennedy, President Amerikan li ġie maqtul għax ħadem għall-paċi bejn ir-razez kollha. M'hemmx għalfejn inżidu wisq ma' dak li diġà ktibna dwar is-siġar taż-żebbuġ, ħlief li l-frieghi tagħha ilhom jintużaw bħala għelm tal-paċi, sa minn żminijiet Bibliċi. Iktar minn hekk iż-żejt taż-żebbuġa jintuża fid-dlik tas-slaten, tal-qassisin, ta' l-atleti olimpiċi tal-qedem kif ukoll waqt il-Magħmudija, meta bilkemm għadna bdejna ħajjitna u bih nindilku waqt il-Griżma tal-Morda fl-aħħar waqtiet tal-mixja tagħna f'dan il-wied tad-dmugħ! Mela hawnhekk naraw kemm kien xieraq iż-żebbuġ bħala l-aħjar siġra għal dan il-masġar tas-sliem.

Ħasra li miegħu tħawlu, u donnhom qegħdin jiżdiedu sew is-siġar ta' l-akaċja, siġra sabiħa, u li meta twarrad, iġġennek b'xuxitha safra kemm kemm mhux dehbija. Imma ħej, kemm smajna stejjer ta' min bata u għadu jbati minħabba l-effetti ħżiena li għandha l-akaċja fuq min ikollu problemi tas-sistema respiratorja! Ħaġa tajba hi, li l-akaċja ma tgħixx ħajja twila ħafna. Imma min-naħa l-oħra ttella' ħafna bgħula minn taħt u l-egħruq tagħha jinfirxu sew, b'dannu għaż-żebbuġ.

Dawra mal-mafkar tal-Masġar Kennedy għandha turi għażla ta' siġar u arbuxxelli oħrajn, bħal per eżempju, il-Pittorsporum, il-Lantana, u l-Mioporium, iżda x'aktarx l-aktar li jolqtu l-għajn meta jwarrdu fix-xahar ta' Ġunju, huma l-Oleander u l-Lagunarja. Ta' l-ewwel hija siġra magħrufa sew għax hi komuni ma' Malta kollha kemm hi, għalkemm ħafna nies isejħulha s-siġra tal-wirdien, isem li ma tantx ħaqqha għaliex bil-ward aħmar, roża, jew ġieli abjad tagħha, tgħaxxaq lil kull min jaraha. Il-ħażin tagħha huwa li hija velenuża ħafna, u għalhekk fjuri jew zkuk tagħha m'għandhomx jitħallew f'idejn tfal żgħar, l-iktar

ta' dik l-età li kull ma jmissu jridu jdaħħluh f'ħalqhom! Iktar oleandri jinsabu jsebbħu l-ġnub ta' Triq il-Pijunieri, u t-triq li tieħu minn Buġibba sal-Qawra, biex insemmu tnejn biss minn ħafna nħawi oħrajn.

Il-Lagunarja hija siġra li ma tantx hi magħrufa mal-Maltin. Siġra, li meta tkun bla ward ma tolqotx l-għajn u bil-weraq ħodor fil-griż tagħha, kemm kemm ma tgħidx li hi kerha, iżda meta timtela bil-ward, roża ħamrani tagħha, fiha tassew x'tara. Bħala siġra ma tantx trid ħamrija għanja, u fil-fatt nafu li anke tħawlet fejn kien hemm alka tal-baħar mhux maħsula bil-melħ, iżda li ġiet mgħottija b'kisja ħamrija. Għalhekk id-dawra tal-kolonni tal-mafkar ma żammitx lis-siġar tal-lagunarja milli jikbru u jwarrdu eżatt ħdejha.

Ftit 'il bogħod mill-istess inħawi tal-masġar hemm għadd ta' siġar li huma wisq aktar għal qalbhom f'dawn l-inħawi tas-Salina. Siġar li jħobbu ħamrija niedja sew u li bil-bgħula li jtellgħu minn taħt malajr jgħaqqdu masġar żgħir folt. Il-luq huma sigar li kemm fis-sajf, kif ukoll fix-xitwa, dejjem jagħtu dehra mill-isbaħ. Dan għaliex il-weraq tagħhom, għandhom lewn aħdar sabiħ minn fuq u fiddiena minn taħt. Fis-sajf, ma' kull żiffa li tbenninhom ipaxxu l-għajnejn, waqt li meta l-irjieħ kesħin tax-xitwa jneżżgħu lil-luq minn kull werqa xorta tidher il-qoxra, bajda fidda taz-zkuk. Hija tassew ħasra li ma narawx iktar minn dawn is-siġar imħawlin f'San Pawl il-Baħar. Kif diġà għidna, mhux daqstant tqil sabiex jitnisslu u jitkabbru, imma milli jidher, laħqet daħlet wisq l-idea li rridu kollox isir f'daqqa, kollox "instant", kollox "ready to take away".

Siġar oħrajn li wkoll iħobbu l-ħamrija niedja sew u li ma jibżgħux mill-melħ li fiha huma dawk tal-Bruka, iktar magħrufin bħala tat-Tamarix. Fost diversi speċi oħrajn tal-bruka, hawnhekk niltaqgħu ma' bruk li jagħtuna ward bojod, kif ukoll oħrajn li jagħmlu ward roża ħamrani. Minbarra l-Masġar Kennedy, insibu bruk f'inħawi oħrajn tar-raħal tagħna. Hekk tista' tara minnhom minn ħdejn il-Gillieru sal-Pitch tal-Boċċi ta' Buġibba, fil-ponta tal-Qawra kif ukoll minn Għajn Rażul sax-Xemxija. F'dawn l-aħħar inħawi ma



narawx għalfejn qegħdin bil-mod il-mod jinbidlu mal-palm. Il-bruka hija siġra li tħaddar b'lewn jixgħel matul il-jum waqt li bil-lejl, tnixxi qtar ta' l-ilma, li jleqq sabiħ bid-dawl tal-fanali warajhom. Għalkemm illum nafu li dawn huma xi minerali li s-siġra jkollha tneħħi għall-ġid tagħha, kultant jiġina ħsieb li tkun qiegħda tibki lil tant u tant minn ħutha, li nqerdu, biex posthom ittieħed mill-palm!

Jekk wieħed jibqa' sejjer lejn San Pawl, matul l-istess triq għandu jiltaqa' ma' taħlita ta' siġar wisq ikbar milli diġà semmejna. Fosthom l-iktar li hemm huma tal-Ficus nitida. Siġra li wkoll drat sew l-ambjent Malti, anke dak ta' qrib il-baħar, bħal per eżempju fl-Imsida u f'Tal-Pietà. Il-Fikus nitida ġejja mill-istess familja tas-siġar tat-tin u tal-bajtar. Ħarsa bir-reqqa lejn il-frotta tagħha turik kemm tixbah lil xi tina ċkejkna ċkejkna. Siġra li tiflaħ sew għar-riħ kif ukoll għaż-żbir esaġerat li rajna fuq siġar bħalhom f'inħawi oħrajn din is-sena. Il-fikus ma jsibuhiex bi tqila sabiex joħorġu l-għeruq fl-arja kemm maz-zokk ewlieni, u anke mal-friegħi ta' isfel tas-siġra. Fikus oħra li tagħmel dan bil-qawwi hija l-Ficus retusa, li tixbah ferm lin-nitida, iżda għandha weraq eħxen u ikbar. Speċi ta' din is-siġra jinsabu qrib iċ-ċinema Empire u fejn qabel kien hemm il-lukanda Hyperion.

Iktar ma joqrob lejn l-Erba' Imwieżeb, wieħed jara fillieri sħaħ ta' ċipress. Siġar li ħafna minnhom jorbtuhom maċ-ċimiterji, iżda li ħaqqhom wisq aktar minn hekk. Is-sbuħija tagħhom mhix inqas mis-saħħa li għandhom li jifilħu għar-riħ, l-għatx u l-ħamrija fqira li jista' jkollhom taħthom. Billi l-għeruq tagħhom jinżlu dritt 'l isfel, ma jagħmlux ħsara lill-għelieqi ta' qribhom. B'hekk mhux l-ewwel darba li ċ-ċipress jitħawwel biex jilqa' r-riħ u ma jħallihx iħassar l-uċuħ tar-raba'.

Jixbħu ħafna liċ-ċipress, iżda jkollhom "weraq" donnhom lanżit twil u mhux ponot folti, żgħar ħodor, kif ikollu ċ-ċipress huma s-siġar tal-każwarina, li niltaqgħu magħhom hekk kif wieħed idur mar-*roundabout* lejn il-*petrol stations*. Il-każwarina hija siġra li wkoll ġejja mill-Awstralja u li ma tibżax mill-irjieħ mielħa, għalkemm ġieli jkidduha. Hija siġra li tikber malajr, titla' dritta dritta, u li billi l-"weraq" tagħha huma rqaq, ma tantx hi tajba biex iddellel jew biex tgħatti xi ħitan. Il-"weraq" tagħha mhumiex weraq tassew iżda huma friegħi żgħar, mgħaqqdin flimkien.

Li kieku ma konniex marbutin biż-żmien, (u għax aħjar ma ntawlux iżżejjed), konna niktbu fit-tul dwar il-varjetà tassew kbira ta' siġar, li wieħed isib fit-*traffic islands*, ta' madwar il-*lights* li jieħdu lejn Buġibba u l-Qawra. Taħlita mill-iktar interessanti ta' siġar indiġeni bħall-ħarrub, ballut, żebbuġ u ċipress, fost oħrajn flimkien ma' siġar barranin u eżotiċi bħall-albizia, ewkaliptus, melia azerdac u oħrajn. Imma dan jista' jsir f'xi ħarġiet oħrajn, jekk l-editur iħallina. Taħlita li tolqtok sew, għax tagħti dehra ġdida kull staġun. B'hekk isserraħ l-għajnejn ta' dawk li jsuqu, huma u jistennew lid-dawl sabiex jaqleb lejn l-aħdar, il-lewn li l-aktar iserraħ l-għajnejn.

Hekk rajna fil-qosor kif, mixja matul it-triq qasira li tieħu mis-Salina sa l-ewwel stazzjonijiet tal-Petrol, turik kemm hi kbira l-għażla ta' siġar li lkoll jikbru sew u jgħixu ħenjin f'dan ir-raħal tagħna.

Ħasra li matul l-aħħar snin ftit li xejn rajna varjetajiet ta' siġar (tneħħi xi bruk u oleander), ħlief palm, palm u iktar palm jitħawlu mill-awtoritajiet. Issib min jgħidlek li l-palm hu sabiħ u jagħti dehra eżotika lil-lokal. Ta' l-ewwel naqblu magħha, tat-tieni mhux tassew. Lit-turist, kemm jekk inhu barrani u kemm jekk mhux, ma nsajrulux biss ikel barrani imma nuruh menu mħallat, b'għażla ta' ikel, għażla għal kull gost, u għal min irid iduq il-

benna ta' l-ikel Malti, anke jekk sa ftit ilu kien meqjus bħala ikel tal-baxx, tal-fqir.

Dan l-argument ma jgħoddx għall-ikel biss imma għal ħafna ħwejjeġ oħrajn, żgur mhux l-inqas għall-ambjent Malti. Jerġà ma rridux ninsew, iżda rridu nibqgħu nżommu quddiem għajnejna wisq aktar l-interessi tagħna li noqogħdu f'San Pawl, Buġibba, Qawra eċċ matul is-sena kollha kemm hi. Ħafna minna kienet u għadha togħġobna d-dehra tal-kampanja Maltija kif niftakruha qabel ma l-progress (biex insejħulu hekk) bidilha.

Kumment ieħor ta' l-aħħar huwa illi waqt li rajna tikber u twarrad sew il-pjanta nazzjonali, il-Widnet il-Baħar, imkien fl-istess inħawi ma ltqajna mas-siġra nazzjonali, l-Għargħar.

Tgħid kien daqstant diffiċli li xi ħadd, f'xi awtorità, x'imkien, f'dawn l-aħħar snin, iħawwel imqar waħda minnhom? Xejn xejn, uliedna jkunu jafu kif inhi tassew, u mhux jibqgħu jħarsu biss lejn xi stampa tagħha fuq xi ktieb, jew f'xi poster. Min jaf kieku l-Kunsill Lokali jħajjar lit-tfal ta' l-iskejjel fil-lokal sabiex ikabbruha, ikollux għadd ta' siġar ta' l-għargħar biex bil-lewn aħdar jixgħel tagħhom isebbħu u jagħtu dik il-laqta Maltija lill-inħawi? Nafu sew li t-tfal tal-lokal minn dejjem ħabbew dan ix-xogħol. Kien tifel mill-Iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar li kien kabbar l-ikbar għadd ta' siġar fl-ewwel kampanja "Inkabbru Siġra", ftit inqas minn tletin sena ilu!

# Tagħrif dwar Jos. F. Cachia

Joseph F. Cachia, għalliem, twieled il-Mellieħa u huwa miżżewweġ lil Adelina née Portelli. Huwa għandu żewġt itfal. Ilu joqgħod San Pawl il-Baħar mill-1972. Huwa okkupa diversi karigi amministrattivi f'xi għaqdiet f'dan ir-raħal. Ilu mill-1965 jaħdem bħala ambjentalist fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-ġurnaliżmu. Il-passatempi tiegħu jinkludu t-tkabbir ta' siġar Maltin, il-kultura tal-Bonsai kif ukoll il-mużika.

Da Rosi

RESTAURANT

44, Church Street

St. Paul's Bay

Malta

Tel: 571411